KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 4899

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 305 tad-29 ta' Jannar 2025 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

**UFFIĊĊJI GĦAL MEMBRI PARLAMENTARI**

**48. ONOR EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Jista' l-Ispeaker jindika jekk qattx kien hemm xi pjanijiet min-naħa tas-Servizz Parlamentari, permezz ta' xi proġett fil-ġejjieni, li kull Membru Parlamentari jkollu uffiċċju għalih?

22.01.2025

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-fażi li kienet qiegħda tiġi mfassla l-binja l-ġdida tal-Parlament kien hemm diskussjonijiet dwar il-possibilità li l-binja tinkludi uffiċċji li jkunu allokati għall-użu ta' Membri Parlamentari. Minn dawn l-iskambji rriżulta illi d-disinn tal-binja ma kienx jippermetti li jkunu inklużi uffiċċji għal kull Membru Parlamentari, u dan għal raġunijiet ta' spazju disponibbli limitat, tant li lanqas uffiċċji għal chairpersons ta' kumitati ma kienu fil-pjanti oriġinali. Min-naħa l-oħra ż-żewġ gruppi għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom kamra mdaqqsa kull wieħed li jistgħu jintużaw mill-Membri tal-gruppi rispettivi.

Fis-snin li għaddew is-Sedja stħarrġet ukoll il-possibilità li tittieħed xi binja fil-viċinanza tal-binja tal-Parlament sabiex tkun konvertita f'uffiċċji addizzjonali għall-Parlament, iżda ma nstab l-ebda bini li seta' jintuża għal dan l-iskop.

Fil-preżent ma hemmx proġetti sabiex jiġu allokati spazji għal dan il-għan.

Seduta 305
29.01.2025